Alexander Bonnici O.F.M. Conv.
H.E.D., S.Th.L., Ph.B.

# Il-ħajja soċjali u nisranija ta' Ħaż-Żebbuġ bejn l-1755 u l-1787

## *Żmien il-Kappillani Azzopardi u Borg*

Fl-imgħoddi, wisq aktar ta' spiss milli fi żmienna, il-kappillani kienu jħabbtu bieb bieb, iżuru l-familji, u jiġbru t-tagħrif meħtieġ dwar kull membru tal-familja. F'parroċċa bħalma kienet Ħaż-Żebbuġ, il-familji kienu dejjem insara, u għallanqas fil-pubbliku ma kienx ikun hemm skandli. Il-kappillan kien jikteb fuq faxxikli b'mod ordnat u pulit dawk id-dettalji kollha biex iressaqhom quddiem l-Isqof ta' Malta. Sa llum, għadhom merfugħin b'kura kbira. Insibu x'uħud minnhom fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina u oħrajn fil-Kurja ta' l-Arċisqof, il-Furjana. Hawn jiena qbadt f'idejja l-ġabriet li tressqu lill-Isqof bejn l-1755 u l-1787, minn żewġ kappillani ta' Ħaż-Żebbuġ: Dun Ġużepp Mark Azzopardi u Dun Feliċ Borg. Dawn qegħdin fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina. Dawk tal-Kappillan Borg huma ta' interess ħafna iżjed kbir.

## *Id-Djar u l-Popolazzjoni*

F'dak iż-żmien, Ħaż-Żebbuġ ma kienx imqassam f'toroq bl-ismijiet tagħhom. Għalhekk, il-kappillan kemm-il darba kien jagħti numru lil kull dar, u jibqa' miexi b'mod progressiv, waħda wara l-oħra. Jiġu nnumerati anki d-djar vojta. Inxebbħu żmien ma' ieħor f'dan l-intervall ta' tletin sena:

| | *Djar* | *Popolazzjoni* |
|---|---|---|
| 1755 | | 4072 |
| 1758 | 1142 | 3983 |
| 1761 | 1131 | 4031 |
| 1783 | 1135 | 4308 |
| 1784 | 1193 | 4448 |
| 1785 | 1182 | 4439 |
| 1786 | 1192 | 4505 |
| 1787 | 1194 | 4458 |

Din l-istatistika turi li, b'xebh ma' postijiet oħrajn, Ħaż-Żebbuġ kellu waħda mill-parroċċi l-kbar ta' Malta. Il-popolazzjoni ma tantx tvarja minn żmien għal ieħor. Il-paragun bejn id-djar u l-popolazzjoni jista' jqarraq bina. Ħafna minn dawk id-djar kienu vojta. Il-familji kienu kbar b'bosta ulied. Imma, imbagħad, bosta persuni kienu jgħixu weħidhom ġo dar għalihom. Fost dawk li kienu jgħixu weħidhom, kien hemm ħafna qassisin.

## *Il-Kleru tal-Parroċċa*

Ħaż-Żebbuġ kellu parroċċa b'kotra kbira ta' qassisin. Id-dettalji joħorġu aħjar fi żmien il-kappillan Borg.

| | 1783 | 1784 | 1785 | 1787 |
|---|---|---|---|---|
| Qassisin | 53 | 54 | 52 | 51 |
| Kappillani Konventwali ta' l-Ordni ta' S. Ġwann | 7 | 6 | 7 | 6 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Djakni | 1 | | | |
| Suddjakni | 2 | | | 1 |
| Kjeriċi Celibi | 9 | 8 | 9 | 8 |
| Kjerċi Miżżewġin | 6 | 6 | 6 | 6 |

Kien żmien meta kienet tingħata t-tonsura klerikali lil xi persuni li kienu miżżewġin. Għalhekk, kien hemm żewġ kwalitajiet ta' kjerċi li ma kenux qassisin. a) Dawk mhux miżżewġin (ċelibi) jissejħu l-kjerċi ddedikati għas-servizz tal-parroċċa. b) Dawk miżżewġin kellhom rabtiet iżjed żgħar mal-parroċċa. Kellhom il-privileġġ li ma jiddependux mill-Gran Mastru, imma mill-Isqof ta' Malta. Għalhekk kienu jidhru quddiemu waqt il-viżta pastorali tal-parroċċa. Kull kappillan kien jixtieq li, fost il-kjerċi miżżewġin, ikollu xi persuni magħrufin fil-parroċċa tiegħu. Fl-1785, fosthom, f'Ħaż-Żebbuġ, kien hemm it-tabib Giacomo Briffa.
Fost il-qassisin, timpressjonana l-FAMILJA XERRI. Fl-1784, Anna Xerri, mara armla ta' 75 sena, ma kellhiex jgħixu magħha ħlief tliet uliedha li kienu qassisin. Dawn kienu l-magħruf DUN MIKIEL XERRI (ta' 47 sena), u ħutu Dun Salv (ta' 45 sena) u Dun Ġwann (ta' 37 sena).
'Il x'uħud mill-qassisin ta' Ħaż-Żebbuġ, l-Ordni ta' San Ġwann wriehom kemm stmahom għaliex ġew magħżulin bħala kappillani konventwali fl-ubbidjenza ta' l-Ordni. Tul dan iż-żmien, kien hemm sitta jew sebgħa. Minn fost dawk il-kappillani konventwali, kien jiġi magħżul l-Isqof ta' Malta.

## *Il-Qagħda Soċjali u Reliġjuża*

Kif rajna li kien hemm lajċi rġiel marbutin mal-Knisja bit-tonsura klerikali, kien hemm ukoll xi nisa mhux miżżewġin li kienu jibqgħu jgħixu fi djarhom, imma ssejħu bit-titlu ta' soru għar-rabta li kellhom ma' xi Ordni Reliġjuż. Dawk kienu terzjarji li, f'ilbieshom ukoll, kienu jingħarfu mil-lajċi l-oħrajn. F'Ħaż-Żebbuġ, fi żmien il-kappillan Borg, kienu jkunu xi 18-il waħda. Mhux anqas minn nofshom, kienu terzjarji karmelitani. L-oħrajn kienu dumnikani, franġiskani konventwali, kapuċċini u agostinjani.
Fil-21ta' Ġunju 1777, il-Gran Mastru De Rohan ta ismu lil Ħaż-Żebbuġ, u lill-post għollieħ għad-dinjità ta' belt. Għalhekk, il-ġabriet tal-kappillan Borg huma differenti minn dawk ta' Azzopardi fit-titlu tagħhom. Il-kappillan Azzopardi kiteb li kien *Status Animarum* tar-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ, waqt li Borg kiteb li kien tas-sbejħa belt Rohan.
Madankollu, fl-1784, il-kappillan Borg wera li d-dinjità ta' belt ma għollietx lil Ħaż-Żebbuġ mill-faqar tiegħu. Madwar mitejn familja kienu qed jgħixu f'sitwazzjoni ta' faqar li ma setax jitfisser bil-kliem. Barra minn hekk, 250 persuna kienu morda b'tali mod li kienu saru invalidi. Imma l-kappillan ma kellux għalfejn jilmenta mill-qagħda spiritwali tal-parroċċa tiegħu. Minn parroċċa ta' 4448 ruħ, kien hemm madwar 3700 li resqu għall-qrar u t-tqarbin fi żmien il-Għid il-Kbir. L-oħrajn ma resqux għax kienu għadhom żgħar jew għax kienu saru inabbli.
Dan il-ftit tagħrif jiftaħ bħal tieqa fuq il-ħajja nisranija u soċjali ta' Ħaż-Żebbuġ ta' ftit iżjed minn mitejn sena ilu.

## *Dokumentazzjoni*

Curia Episcopalis Melitensis, *Status Animarum* 2, nn, 15; 3, n.1; 17, n.11; 18, n.10; 19, n.11; 20, n.16; 30, n.6.

*Fr. Alexander BONNICI OFMConv*
*Kunvent San Franġisk*
*Triq San Franġisk,*
*Rabat (RBT 02).*